MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2003

Numru 817/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Bernard Zarb)
**vs**
**Patrick Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Patrick Spiteri, ta' 37 sena il-sena, bin Joseph u Maria nee' Borg, imwieled Attard fis-26 ta' Dicembru 1964, residenti: 'San Anton' Wardija Hill, Wardija, Detentur tal-Karta ta' l-ta' l-identita' bin-numru 43465M.

Talli:
1.B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq bi hsara ta’ Emanuel Muscat u diversi persuni ohra bi ksur ta’ l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe’ kuntratt iffirmat u ttimbrat minn Nutar John Debono billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3.kif wkoll talli ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat quddiemha bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti kollha u l-atti.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni.

A. <u>Ikkunsidrat.</u>

1. Fl-atti mibghuta mill-Qorti l-Avukat Generali isemmi l-artikoli li gejjien li tahthom tista tinsab htija/htijiet.

(a) l-artikoli 308,309,310 tal-Kodici Kriminali .

(b) l-artikoli 183,184 tal-Kodici Kriminali.

2. L-art 308 jirreferi ghal-frodi b'ghamil qarrieqi imsejjha 'truffa'. Il-ligi iktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapporti patrimonjali individwali, hawn qed tittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar- raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan –negozju ma kienx jaghmel. Biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, il-manuvri jew raggiri jriedu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jkunu frawdolenti u li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li jqajmu s-sentimenti ohra msemmija mill-ligi. Biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, ghal-dawk li huma artifizji mhumiex bizzejjed is- semplici gidba, izda jehtieg li jkun hemm wkoll l-apparat estern li jaghti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hemm dik l-impostatura li tikkostringi lil dak li jkun li jemmen, li tnehhi kull suspett u li tipparalizza d-diligenza ta' l-iffrodat u tissorprendilu l-buona fede tieghu. (ara "Ir-Repubbblika ta' Malta vs Debattista" Appell Kriminali 8/3/95; Il-Pulizija vs Giuseppe Schrainer 3/3/56; Il-Pulizija vs Sammut, 16/3/99. Il-Pulizija vs Willoughby, 12/2/99; Il-Pulizija vs Debattista 20/9/90;

3. artikolu 309 u fl-artikolu 308 irid ikun hemm affarijiet serji filwaqt li taht l-artikolu 309 il- kliem, il-gideb huwa bizzejjed u jwassal. Artikolu li ma jikkontemplax il-'messa in scena' (ara 'Il-Pulizija vs Debattista' fuq imsemmija).

4. L-artikolu 310 isemmi il-pieni skond l-ammonti tal-hsara ghar-reati imsemmija fis-subtitolu 111 that ir-ras 'Fuq il-Frodi' u japplika ghalhekk ghal-artikoli 308 u 310.

5. l-artikolu 183 jikkontempla falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku. Dwar dan l-artikolu Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu; 1954-1955 Vol 2 p 197 ifiehem li

"The definition of the Crime …….requires that the instrument-the object of the perjury shall be not merely <u>public</u> but also <u>authentic.</u> In other words, it is not every act drawn up or received by a public officer in the

discharge of his functions that can be the object of this crime; but only such of these acts as are drawn up or received by him and to which he is legally authorised to attribute public faith. A public officer does not render an instrument 'public' and authentic merely because the instrument originates from him, he so renders it when he draws it up or receives it with the requisite formalities and lawfully attributes public faith to it."

Dan il-kaz mhux dwar xi "skrittura kummercjali jew ta' bank privat"

Il-ligi tghid kif ir-reat jista' jigi mwettaq.

6. L-artikolu 184 japplika l-piena msemmija fl-artikolu ta' qablu ghal kull persuna li xjentement taghmel uzu minnu " u li mhux l-awtur tieghu".

B. Ikkonsidrat

1. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono tal-5 ta' Mejju tas-sena elfejn l-akkuzat f'isem is-Socjeta' 'Foresight Holdings Limited' xtara minghand Carmel Muscat li deher f'ismu u f'isem hutu Maria, xebba, Carmela, xebba, John Mary u Grace mart Alfred Portelli, ahwa Muscat tlett bicciet raba f'San Pawl il-Bahar, kontrada tal-Wardija.

2. Dan il-kaz hu dwar
"porzjon diviza ta' bicca raba, li qeghda f'San Pawl il-Bahar, fil-kuntrada tal-Wardija maghrufa bhala 'Tal-Bajjada' tal-kejl ta' circa elf erba' mija u tmienja u sittin punt zero tlieta tnejn metri kwadri (1468.032) jew bli fiha, kif ahjar murija fuq il-pjanta hawn annessa bhala document C……"

3. Din il-bicca raba skond il-kuntratt inxtrat "versu l-prezz komplessiv miftiehem ta' mitt elf lira Maltija (LM100,000) fejn kwantu ghal hamsin elf lira (LM50,000) diga thallsu u tithalla d-debita ricevuta skond il-ligi in solidum mill-vendituri, u r-rimanenti hamsin elf lira (LM 50,00) huma pagabbli in kwantu ghal hamsa u ghoxrin elf (LM25,000) fi zmien sena mill-lum u r-rimanenti hamsa u ghoxrin elf lira (LM 25,000) fi zmien sentejn minn illum,

fejn jiddekorri l-imghax tas-sitta fil-mija (6%) fis-sena fis-sena pagabbli fis-sena li huwa minn illum a skaletta.

4. Fit-28 ta’ Gunju 2002 l-akkuzat resaq ghall-konvenju quddiem in-Nutar Ian Spiteri jew ahjar l-iskrivan tieghu fejn intrabat li jbiegh u jghaddi l-imsemmija bicca raba lil-Emanuel Muscat u martu Giovanna (li ma humiex qraba tal-familja Muscat imsemmija fil-kuntratt tal-5 ta’ Mejju 2000)
“bil-prezz miftiehem bejn il-partijiet ta’ sittax il-elf lira Maltija (LM16,000) u minnhom qeghda tithallas is-somma ta’ elfejn lira Maltija (LM2000) akkont tal-prezz u tithalla ricevuta u l-bilanc jithallas mal-kuntratt”
“Il-konvenju hu validu sat-28 ta’ Settembru 2002”

5. In-Nutar Ian Spiteri xehed (fol 57-58) …….. “il-konvenju wasal biex jaghlaq u ovvjament ridna naghmlu ricerki kif gia spjegajt. Infurmajna lil-avukat (l-akkuzat) u kellna bzonn kopja tal-kuntratt (tal-5 ta’ Mejju tas-sena 2000). Wara ftit granet li cempilnilu, konna gia cempilna darba ohra, pero’ mat-tieni darba gabilna din il-koppja u halliha ma’ l-iskrivan taghna…..”

6. Il-kopja hi dik esebita bhala Dok BZ1. Mqabbla ma l-original esebit minn Nutar tal-gvern hemm dawn id-differenzi fil-prezz u hlas.

“versu l-prezz komplessiv miftiehem ta’ mitt elf lira (Lm 100,000) fejn kwantu ghal hamsin elf lira (LM50,000) diga thallsu u tithalla d-debita ricevuta skond il-ligi in solidum mill-venditur, <u>u r-rimanenti hamsin elf lira qeghdin jithallsu llum u tithalla d-debita ricevuta skond il-ligi</u>.”

7. F’kull folja tal-kopja kien hemm firma taht u inizzjali fil-gnub. Fl-ahhar hemm firma fuq l-isem tan-Nutar Debono. Miktub wkoll ‘Certified true copy of the original’.

8. In-Nutar Ian Spiteri u l-iskrivan intebhu li kien hemm xi diskrepanzi bejn ir-ricerki taghhom u l-koppja mghoddija lilhom mill-akkuzat. In-nutar l-ghada rega ra d-dokumenti, sab l-istess differenza u cempel lin-Nutar Debono (fol 58). Dan mgharraf bl-affarijiet (l-aktar dwar il-firma ‘tieghu’)

talab fax tad-dokument. Il-firma ma kienetx tieghu u ha l-passi man-Nutar tal-Gvern li xehed f'dan il-proceduri u fl-ahharnett mal-pulizija (fol45-47).

9. L-espert mahtur mill-Qorti biex jezamina l-firem ta' l-akkuzat u tan-Nutar Debono irrelata u xehed quddiem il-Qorti li l-firem fuq id-dokument BZ1 m'humiex tan-Nutar Debono u ghalhekk huma foloz. Jghid ukoll li "min ghamel il-firem fuq Dok BZ1 xi darba gie in kuntatt mal-firma tan-Nutar Dottor John Debono u ghamel uzu ta' dan il-kuntatt sabiex iffalsifika l-firma fuq Dok BZ1. Fisser wkoll li ma jistax jeskludi jekk setax kien jew ma kienx l-avukat Patrick Spiteri li ffalsifika l-firma fuq Dok BZ1 (fol247-249).

10. Fl-istqarrija ta' l-akkuzat mehuda skond il-ligi hu jghid li d-dokument BZ1 hu kopja ta' dokument li kienet "iddraffjata u ttajpjata qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt (tal-5 ta' Mejju 2000) mill-ufficcju tieghi taht istruzzjonijiet tieghi". Din saret fl-ufficcju tieghu aktarx mis-segretarja x-xhud Lorraine Zammit. Izid li hada mieghu meta sar il-kuntratt ghand in-Nutar John Debono il-Mellieha, zammu dejjem ghandu u ghaddieh lil-George Muscat (mhux qarib tan-nies li jgiebu l-istess kunjom fuq imsemmija) l-iskrivan tan-Nutar Ian Spiteri biex isir il-kuntratt ma Emanuel Muscat u martu Giovanna Muscat. Jghid "li ma nafx" ta' minn hi l-firma li tidher fuq id-dokument BZ1 u wara jghid li "jiena nassumi li dik il-firma hi tan-Nutar John Debono", jeskludi li l-firma ghamilha hu.

11. In-Nutar Debono cempel lill-Ispettur Zarb fil-25 ta' Settembru 2002 dwar il-kaz, il-jum li fih
cempillu in-Nutar Ian Spiteri. L-akkuzat kien imsiefer. In-Nutar Spiteri skond l-istqarrija ta' l-akkuzat cempillu l-ghada u l-akkuzat ordna lis-segretarja biex tibghat fax tal-kuntratt iffirmat fil-5 ta' Mejju 2000, jigifieri dak awtentiku. In-Nutar Debono fl-istqarrija li ghamel lill-pulizija konfermata bil-gurament quddiem il-Qorti bil-gurament stqarr:

"……..il-lejla (26 ta' Settembru 2000) ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (6.30pm) kelli telefonata minn Dr. Patrick Spiteri L.L.D fuq il-mobile phone tieghi, fejn qalli li

jinsab imsiefer u li jidher kien hemm xi tahwida bil-kopja tal-kuntratt li giet mghoddija lin-Nutar Ian Spiteri. Hu zied li jiena kelli nqatta l-kopja tal-kuntratt hekk allegat hazin, ghax kienu sabu it-tajjeb u baghtu ma l-iskrivani tieghu”: [ara wkoll stqarrija ta’ l-akkuzat dwar din it-telefonata (fol 18-19)].

12. In-Nutar Ian Spiteri mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk l-akkuzat qallux li kien hemm xi hlas pendenti qal:

“Hu li nfurmani kien li minghalih il-bilanc kellu jinqata u kellu jiehu hsiebu n-nutar Agius li kellhu jikkancellah. Pero’ qalli li ma kienx jaf li kienet saret” (fol 60)

In-Nutar Agius ma ttellax jixhed. A fol 63 ix-xhud jghid li l-akkuzat kien qallu “dik suppost giet kancellata minn Nutar Agius.

13. L-akkuzat mistoqsi jekk Carmel Muscat li kellu jiehu flus minn ghandu, kienx jaf li parti mill-art kienet ser terga tinbieh wiegeb:
“ Carmel Muscat le ma kienx jaf, ma kienx hemm ghalfejn nghidlu ghax jien proprjetarju assolut.”

Jekk Carmel Muscat kien kreditur kellu_jidher fuq il-kuntratt tal-bicca raba’ in kwistjoni biex jithallas parti mill-kreditu. Hemm kontradizzjoni kbira bejn din ix-xhieda ta’ l-akkuzat u l-istqarrija (fol 17). Ara wkoll a fol 78 ix-xhieda ta’ Carmel Muscat.

14. L-akkuzat ghal zmien kellu f’idejh koppja awtentika tal-kuntratt kif wkoll dak li hu jsejjah “draft” (fol 18). Wehidha l-mistoqsija :ghaliex ghadda ‘d-draft’ u mhux il-kopja awtentika li kien bghatlu n-Nutar Debono u li kienet fil-kompjuter li tahdem fuqu Lorraine Zammit.

15. Ix-xhieda Lorraine Zammit u Fiona Cassar huma impjegati ta’ l-akkuzat li jmexxi l-ufficcju hu u huma jaghmlu li jghidilhom. Fl-ahhar mill-ahhar fl-istqarrija tieghu l-akkuzat jghid:

"Jien ma ittajpjajtux peress li ma nuzax, izda din il-kopja (Dok BZ1), saret probabilment minn Lorraine Zammit taht l-awtorizzazzjoni tieghi."

Cassar fl-ahhar tax-xhieda taghha tistqarr
"Dawn huma l-ewwel darba li biegh zewg bicciet art u ser jigri (sic) dawn il-pagamenti……………………………………………………………………………………………………
Jiena ma nkunx naf in-negozju x'ikun, jiena just jghaddili l-affarijiet, li ha nistennew dawn il-pagamenti u li jghidli hu naghmel."

16. In-nutar Spiteri u l- klient tieghu riedu l-provenjenza. L-akkuzat jikkonferma dan fl-istqarrija

"Minhabba li jiena kont imhabbat, dejjem ipprokrastinajt bil-hsieb li xi darba qabel l-gheluq tal-konvenju, fit-28 ta' settembru 2002, jiena nsib il-hin biex nidentifika mill-kuntratti diversi li jiena ghamilt, liema kienet l-art in kwistjoni."
"L-akkuzat fl-ahhar ghadda d-dokument BZ1 u ghamel 'X' biex juri liema kienet l-art.

17. .L-akkuzat gedded il-konvenju li fl-ahhar sar fil-31 t'Ottubru 2002 waqt li kienu ghaddejja dawn il-proceduri. Fuq il-kuntratt dehru l-Avukat Stephen Muscat ghall-kumpanija 'Foresight Holdings Ltd.' kif wkoll Emanuel Muscat f'ismu u f'isem martu Giovanna Muscat. Deher wkoll Carmel Muscat f'ismu proprju u f'isem hutu li inghataw LM10,000 li rrinunzjaw ghad-drittijiet ipotekarji u jew privileggi fuq l-art mibjugha u zammewhom fuq il-bicctejn art l-ohra msemmija fil-kuntratt tal-5 ta' Mejju 2000 (fol 160-162).

18. Mix-xhieda mressqha quddiemha l-Qorti jirrizultalha li l-akkuzat ghamel kitba (li l-Qorti ma tistax temmnu li kienet 'draft' li hadha mieghu qabel il-kuntratt) b'tibdiliet tal-kuntratt tal-5 ta' Mejju 2000 bl-ghan li l-kitba tidher bhala il-kuntratt tassew u billi jidher li hu ma kellu jaghti xejn lil-Carmel Muscat u lil hutu. Johrog car, l-aktar mill-istqarrija u mix-xhieda moghtija viva voce mill-akkuzat li l-kitba ghamilha hu, zamma ghandu, qatt ma telaqha minn

idejh u fl-ahhar baghatha lin –Nutar Spiteri bhala il-kuntratt awtentiku. Ma hemm l-ebda dubju li l-firem fuq il-kitba ghamilhom hu. Haga perizja teknika, haga ohra ix-xhieda.Dan sar biex fuq il-kuntratt li kellhu jsir ghand in-Nutar Spiteri mal-mizzewgin Muscat il-kredituri ma jidhrux u hekk ma jiehdu xejn. Il-Konvenju kien jaghlaq u l-akkuzat ried ibelagha li l-kitba kienet kopja tal-veru kuntratt b'tama li kollox jibqa ghaddej ghax iz-zmien kien qed jaghfas. Hekk kien jiffranka somma sewwa ta' flus ghad-dannu tal-kredituri. Ma rnexxielux ghax in-Nutar Spiteri u l-iskrivan tieghu sabu diskrepanzi.

C. Ikkunsidrat

1. Mehudin in konsiderazzjoni l-artikoli fuq imsemmija u x-xhieda mismugha jirrizulta li l-akkuzat b'qerq taparsi ghamel kopja ta' kuntratt, li ma kienet xejn kopja ta' kuntratt, imma kopja iffalsifikata, iffalsifika fuqha l-firem tan-Nutar Debono biex tidher kopja awtentika bil-hsieb li jinganna. Ried jaghmel hsara bil-qligh kontra l-kredituri tieghu. Ried iqarraq bix-xerrejja, il-mizzewgin Muscat u bin-Nutar Spiteri. L-akkuzat hu hati tar-reat imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. L-ammont tal-hsara kien kif jinghad fl-artiklu 310 (1) ta' l-istess kodici. Ma japplikax ghalhekk l-artiklu 309 li jikkontempla kazi anqas gravi.

2. Ghall-ghan tal-piena japplika l-artikolu 41 (1) (a) tal-Kap. 9 billi n-Nutar Spiteri u l-ikrivan tieghu intebhu li kien hemm affarijiet fid-dokument li ghaddielhom l-Avukat Spiteri u kellmu lin-Nutar Debono. Hekk ir-reat ma giex imwettaq imhabba haga accidentali u indipendenti mill-volonta' ta' l-akkuzat.

3. Japplika wkoll l-artikolu 183 billi saret falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku billi sar tibdil fis-sens li kollox kien imhallas meta ma kienx. Falsifikazzjoni li turi att maghmul minn nutar minnu iffirmat u hekk prezentata. Hu eskluz li ir-reat taht l-artikolu 184 billi l-flessibilita ghamilha l-akkuzat. L-awtur tal-falsifikazzjoni.

4. L-akkuzat ikkommetta zewg reati li wiehed ( reat taht l-artikolu 183) serva biex jitwettaq iehor (reat taht l-artikolu 308).

Ghalhekk il-Qorti ma ssibx l-akkuzat hati taht l-artikoli 309 u 184 tal-Kodici Kriminali u tilliberah minnhom.

Issibu hati tar-reati taht l-artikoli 183, 308, 41 (1)(a), 310 (1) (a), 17 (h) ghar-ragunijiet premessi.

Wara li rat l-artikoli 183, 308, 41 (1) (a), 310 (1) (a) u 17 (h) tikkundannah sentejn prigunerija.

(Iff) Dr. Joseph Cassar BA, LL.D
Magistrat

--------------------------------TMIEM--------------------------------